# Il-Ħuttafa

numru 101

Novembru - Diċembru 2010




BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




## il-Faqqiegħ

Il-faqqiegħ veru affaxxinanti. Mhux talli għandu forma stramba, imma kapaċi jgħix bla ma jieħu saħħa mid-dawl tax-xemx, mhux bħal pjanti normali. F'Malta għandna mijiet ta' speċi u għadna lanqas nafu sew x'għandna!

Ritratt ta' **Victor Falzon**

## editorjal

Meta tispiċċa sena ħafna minna nagħmlu wegħdiet magħna nfusna biex fis-sena l-ġdida ngħixu aħjar, iktar b'saħħitna, naqtgħu xi vizzju ikrah u nkunu nies iktar tajbin.

S'intendi aħna n-naturalisti ta' Klabb Ħuttaf inżidu wkoll xi wegħda li biha ngħinu xi ftit lin-natura u l-ambjent. Jekk irċivejtu l-aħħar ħarġa tal-magażin sibtu biss biss 100 ħaġa x'tistgħu tagħmlu biex tgħixu b'mod iktar ambjentalist. Kemm minnhom diġà qed tagħmluhom? Tgħid għad tgħaqqduhom kollha? Mhux impossibli ta, jien qed nipprova!

Is-sena 2010 kienet is-Sena tal-Bijodiversità. Matul dis-sena l-pajjiżi suppost għamlu sforz ikbar mis-soltu biex isalvaw il-varjetà ta' annimali u pjanti li jgħixu magħna fuq din il-ġmiel ta' pjaneta. Ma nafx, jien inħoss li KULL SENA għandna tkun is-sena tal-bijodiversità, u l-isforzi jridu jibqgħu jsiru kull sena, kull xahar, kuljum.

**Insomma ħbieb, nawguralkom sena ġdida mimlija saħħa, ferħ u daħq.**

*Victor*

**Victor Falzon** l-editur







## Biex ngħinu l-bijodiversità

Biex nispiċċaw dis-sena dedikata lill-bijodiversità, inħajrukom tagħmlu dak li spiss inħajrukom: armaw BIRD TABLE. Hija waħda mill-aqwa u l-eħfef modi biex tħajru l-għasafar iżurulkom il-ġnien, ġardina, bitħa, anke gallerija.

Ma tridx għerf biex tarma bird table. Kull ma tridu biċċa plajwud daqs dil-paġna u lasta ta' xkupa. Waħħlu t-tavla mal-lasta u deffsu l-lasta fil-ħamrija (f'qasrija bil-ħamrija jew ramel jekk m'għandekx ġnien) u ferrxu fuqha frak tal-ikel, żrieragħ u frott. Esperimentaw u araw l-għasafar x'jieħdu u x'iħallu. Biex ma jtirilkomx l-ikel bir-riħ waħħlu strippi żgħar tal-injam mad-dawru tal-wiċċ, u biex ma jitlgħalkomx bebbux deffsu għonq ta' flixkun tal-plastik fil-lasta kif hemm fl-istampa. Armawha x'imkien fejn tarawha minn wara xi tieqa, inkella ma tgawdux l-għasafar li jiġu jżurukom. U tpoġġuhiex x'imkien fejn qattus jista' jistaħba u jambuxja l-għasafar.

Tikkumplikawx id-disinn, l-aktar sempliċi huma l-aħjar u l-iktar li jindraw malajr mill-għasafar. Kultant naddfu waħda l-wiċċ speċjalment jekk tkunu poġġejtu xi ikel żejtni.

Il-bird table użawha biss fil-ħarifa u fix-xitwa. Fir-rebbiegħa u s-sajf toħorġux ikel ħalli l-frieħ ġodda jitgħallmu jfittxu l-ikel naturali, u mhux isibu dejjem il-lest.

## mal-faċċata



Il-**Pitirross** (Robin) ingawduh sitt xhur sħaħ, allavolja f'Malta ma jbejjitx. Jekk għandkom ġardina ħajru l-Pitirrossi jżurukom billi tarmawlhom bird table għal dawn ix-xhur kesħin. U fl-istess ħin tgħinuhom għax ikel daż-żmien ma tantx isibu msieken. Ritratt ta' Victor Falzon

## X'għandna?

| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'nista' nara tgħid? | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| Websajts | 5 |
| Intervista ma' Fjura | 5 |
| Attività | 6 |
| Morna nħawlu | 6 |
| Paprati | 7 |
| Is-Sellum tan-Natura | 8 |
| Il-Bosk | 9 |
| Agħti kulur | 10 |
| Poeżija, Arti, Ritratti | 10 |
| Tgħidx ħmerijiet! | 11 |
| Ntietef tan-Natura 4 | 11 |
| Mill-arti ta' PAU | 11 |

## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon • Fleur Bugeja

## il-kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1100 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

©BirdLife Malta, Diċembru 2010
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Aron Tanti

# Xi ġralhom iz-Zizka?




Jekk tifakru f'*Il-Ħuttafa* 98 konna ġibna kif fil-Belt Valletta żabru s-siġar li fihom kull xitwa jorqdu eluf ta' Zizka Bojod. U konna staqsejna: "Issa fejn se jorqdu z-Zizka la jaslu Malta fil-ħarifa?"

U waslet il-ħarifa, u ġew iz-Zizka bħas-soltu biex jgħaddu x-xitwa f'Malta. Moħħhom kien mistrieħ li ħa jorqdu fil-post tas-soltu, bħalma kienu jagħmlu kull sena. Wasal filgħaxija u daħlu jtiru lejn il-Belt. Imma flok siġar folti sabu pjazza b'siġar qishom skeletri, kważi bla weraq xejn.

Immaġinak tiġi lura mill-iskola u flok id-dar issib plot vojt!

Iz-zizka msieken iġġennu, itiru 'l hawn u 'l hemm ma jafux x'ħa jagħmlu, mejtin bin-ngħas u m'għandhomx fejn jorqdu. Iduru u jduru, min jiggranfa ma' werqa, min jitperreċ fuq wajers u ċnut, min jiġri fl-art fit-triq qalb in-nies mixjin. Insomma, pandemonju sħiħ.

Dix-xena baqgħet tiġri kuljum tul il-ħarifa kollha, jaslu kull filgħaxija u mill-ġdid jitħawdu. Imma bdew jonqsu, u l-aħħar li ċċekkjajna kien baqa' biss ftit għexieren li rnexxielhom jitgeddsu f'xi rkejjen jew qalb xi erba' werqiet. Fejn spiċċaw is-7000 Zakak Abjad li kellna sas-sena l-oħra għadu ħadd ma jaf. Nisperaw li għall-inqas sabu post ieħor fejn jorqdu.

Min ħareġ il-permess biex jinżabru s-siġar kien jaf li hemmhekk jorqdu z-zizka, imma x'jimpurtah! Imissna nistħu nittrattawhom hekk l-għasafar.

## X'Nista' Nara Tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

### Il-Kokka tax-Xagħri

**Short-eared Owl** *Asio flammeus*

Victor Falzon



Jgħidu li fl-antik kienet komuni, imma llum naqset ħafna u mhux faċli tinzertaha. Ngħidulha tax-Xagħri għax dan hu ambjent tipiku fejn issibha. Hija għasfur pjuttost kbir, b'medda tal-ġwienaħ li taf tlaħħaq metru. Il-mara u r-raġel għandhom l-istess lewn u jintgħarfu biss mid-daqs għax il-mara tkun kemm kemm ikbar mir-raġel. Snin ilu kienet bejtet fuq Kemmuna, imma l-bejta sfrattat għax wieħed mill-par kien "sparixxa". Ġeneralment tbid minn erba' sa sitt bajdiet, imma meta l-ikel ikun [1]abbundanti taf tbid anke 12-il bajda. Il-Kokka tax-Xagħri tidher fl-istaġuni tal-passa, imma tista' tinzertaha wkoll fix-xitwa. Kontra kokk ieħor, il-Kokka tax-Xagħri tikkaċċja bi nhar u ttir fil-baxx biex taqbad ġrieden u kultant anke insetti kbar.






It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li huwa miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.

[1] **ikel abbundanti** = ikollha ħafna x'tiekol



Dawn l-aħbarijiet tajbin biex tużawhom l-iskola fl-attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda)

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn BirdLife Malta u Bank of Valletta

X'għandna mid-dinja?



Il-Pine Marten iħobb il-foresti u huwa xabbatur prim.

# Reġa' tfaċċa!

Fir-razza tal-Ballottra hemm annimal daqs qattus jgħidulu **Pine Marten**. Malta m'għandniex minnu (lanqas isem bil-Malti m'għandna għalih) imma fl-Ewropa għadu komuni f'inħawi bil-foresti. Fil-foresti ta' Scotland u Wales ukoll għadu jinstab, imma fl-Ingilterra le. Dari l-Pine Marten kien mifrux mal-Ingilterra kollha, imma wara sekli jikkaċċjawh sparixxa. Kienu joqtluh jew biex joħdulu l-pil jew għax kienu jibżgħu li jaqbdilhom it-tiġieġ jew tajr tal-kaċċa. Għaxar snin ilu l-Pine Marten iddikjarawh [1]estint mill-Ingilterra.

Imma ftit xhur ilu nstabu sinjali ta' dan l-annimal f'bosk kbir privat f'Northumberland, fin-naħa ta' fuq tal-Ingilterra, u dan qajjem ħafna interess fost in-naturalisti. Id-Dipartiment tal-Foresti flimkien mal-Vincent Wildlife Trust qed jibnu moħbiet artifiċjali biex iktar iħajru l-Pine Martens ikomplu jinfirxu f'dawn l-inħawi u forsi jerġgħu jsiru iktar komuni.

Kemm hu sabiħ meta l-bniedem jibdel l-imġiba tiegħu lejn l-annimali u ma jibqax jistmahom ta' għedewwa. Illum il-Pine Marten huwa protett fl-Ingilterra. Jalla jinfirex sal-parks ta' Londra!

# Xita tajr mejjet...



Ir-Red-winged Starling huwa għasfur spettakolari.



Victor Falzon

Ftit ġranet ilu, f'Beebe (belt żgħira f'Arkansas, USA) in-nies qamu filgħodu u sabu t-toroq mimlijin iġsma ta' għasafar mejtin, kollha **Red-winged Blackbirds**. Ftit ġranet wara - xi 500km bogħod, f'Louisiana (ukoll USA) - sabu mal-500 għasfur ieħor mejjet, ukoll Red-winged Starlings. Ix-xjenzati ġabru mijiet minnhom ħalli jippruvaw jifhmu ġara, imma baqgħu jħokku rashom. Min waħħal fil-murtali, min waħħal fil-maltemp, min fil-bexx, u hemm anke min qal (mhux xjenzati però) li l-għasafar mietu għax ħabtu ma' UFO! Il-verità hi li s'issa għad m'għandhomx idea x'qatel ħabta u sabta lil dawn il-ġmiel ta' għasafar.

# Il-Ġgant

**Ftit xhur ilu fil-Peru sabu fdalijiet ta' pingwin. Dan ma kienx pingwin li miet riċenti, imma annimal li għex 36 miljun sena ilu - qabel ma Malta bdiet tifforma f'qiegħ il-baħar! Ix-xjenzati semmewh *Incayacu paracasensis*, li tfisser "re tal-ilma". Kien pingwin ġgant, twil xi 150ċm, jiġifieri ras u spalla itwal mill-Emperor Penguin, l-ikbar pingwin li jeżisti llum. U kellu munqar twil u ppuntat. Mhux hekk biss, mal-fdal sabu wkoll rix li minnu setgħu jgħidu x'kulur kien dan l-għasfur: ma kienx iswed u abjad bħall-pingwini tal-lum, imma kien griż u kannella.**



Victor Falzon









# Ftakar!





**Dal-poster għalik jekk iġġedded il-miżata fi Klabb Ħuttaf.**





[1] **estint** (extinct) = pjanta jew annimal li jkun inqered għal kollox minn pajjiż, minn reġjun jew anke mid-dinja. Per eżempju, id-dinożawri huma kollha estinti mid-dinja.

# Għandek 10 sekondi għan-natura?

L-Internet jista' jagħmel ħafna ġid lill-ambjent. Hemm websajts li anke jekk biss tikklikkja fihom, dik il-klikk issarraf f'għotja ta' flus lil xi għaqda li tgħin lin-natura jew annimali fil-bżonn.

Waħda minn dawn il-websajts hija THE ANIMAL RESCUE SITE (**www.theanimalrescuesite.com**). Matul is-sena 2010 dil-websajt għamlet għotjiet li bihom inxtraw 86 miljun ikla għal klieb jew qtates fil-bżonn.

Websajt oħra bħalha hija THE RAINFOREST SITE (**www.therainforestsite.com**). Matul is-sena 2010 dil-websajt salvat 5134 ettaru ta' foresta tropikali (biċċa art kważi daqs Għawdex) milli jinqerdu. Bis-saħħa tal-klikks!

Mela żid daż-żewġ websajts mal-lista tal-favoriti, u ħudha drawwa li kull darba li tidħol fl-Internet tikklikkja fihom. Kwistjoni ta' 10 sekondi!




# Bozza waħda.








Biex tixgħellek bozza waħda tal-mija (100w) mill-qodma għal tliet sigħat kuljum, il-pawer stejxin tuża iktar minn 50 litru żejt fis-sena.

Għalhekk bis-sens li taqleb għall-bozoz il-ġodda, li ma jaħlu kważi xejn u jagħtu l-istess dawl.






Sensiela ġdida

# Intervista ma' Fjura




Il-Garni tal-Pipa

Victor Falzon

**X'jismek?**
Jiena jisimni Garni tal-Pipa, u l-Ingliżi jgħiduli *Friar's Cowl*.

**Għaliex jismek hekk?**
Għax il-fjuri tiegħi ikunu magħluqin f'tubu qisu pipa.

**Inti Maltija jew barranija?**
Jiena Maltija indiġena.

**Il-fjuri tiegħek ifuħu?**
M'għandhomx xi riħa partikolari.

**X'tip ta' ambjent tħobb?**
Jien inħobb postijiet fejn il-ħamrija żżomm l-ilma.

**Ix-xemx tħobbha?**
Iva, basta mhux wisq.

**Inti tikber is-sena kollha?**
Le, jien nikber tard fil-ħarifa, u tibqa' ssibni sar-rebbiegħa. Imbagħad nagħmel iż-żerriegħa u ninxef għal kollox.

**Inti pjanta komuni jew rari?**
Jiena pjanta komuni sew.

**Għandek xi problemi?**
Le, b'xorti tajba l-ambjent tiegħi mhux rari, u n-nies ma joqogħdux jaqtgħuni.

**Grazzi ħafna.**
M'hemmx imniex.



attività



Aron Tanti

# Sejrin sal-Mistra

Il-ħarġa li jmiss tal-Klabb se tkun sal-Mistra. U le tibżgħux m'aħniex ħa ngħumu! Fil-fatt m'aħniex ħa noqogħdu fil-bajja, imma ħa mmorru mixja ħelwa f'dawk l-inħawi ħalli ngawdu ftit il-kampanja, il-beraħ, il-veduti u n-natura t'hemmhekk. Dawk in-naħat hemm xtut u bajjiet żgħar u kwieti li ħafna nies ma jafux bihom, u hemmhekk inkunu wkoll viċin ħafna tal-gżira Selmunett. Aħna ta' Klabb Ħuttaf s'intendi ħa noqogħdu wkoll attenti għall-għasafar. Daż-żmien ikollna diversi għasafar qed jgħaddu x-xitwa magħna, bħal **Pitirrossi**, **Buċaqq tax-Xitwa**, **Fjammi Suwed**, **Psiepes** u **Sturnell**. Peress li hemmhekk hemm l-irdum fil-qrib, nafu ninzertaw xi **Merill**, u anke xi **gawwi** għaddej fuq il-baħar.




**data** il-Ħadd 30 Jannar 2011
**niltaqgħu** fil-bajja tal-Mistra
**ħin** 9am **nispiċċaw** xi 12.00pm
**ġibu jekk għandkom** tromba, kamera, nowtbuk, ikel u xorb.
**merħba** membri* u familja

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir

**Daqshekk paroli. Ejjew u gawdu n-natura magħna!**


Denis Cachia

**Merill**

**Il-Merill huwa għasfur tal-irdumijiet, u kif jaf kulħadd huwa l-għasfur nazzjonali ta' Malta. Imma xorta ħafna nies qatt ma raw wieħed.**

**Dan t'hawnhekk huwa raġel, il-mara tkun kannella skur.**

# Morna nħawlu koċċ siġar.

jirrapporta Tim Micallef

Fid-9am tal-Ħadd **28 Novembru 2010** iltqajna quddiem ir-riserva naturali tal-Għadira, fejn Ray Vella (ir-rejnġer tal-Foresta) u l-leader Kathleen Mamo spjegawlna ftit fuq Foresta 2000 li fiha konna se nħawlu. Imbagħad, filwaqt li Ray tella' s-siġar il-Foresta bil-Land Rover, aħna tlajna sal-ewwel grada. Minn hemm dħalna l-Foresta u mxejna mit-Taflija.

Bdejna billi tlajna telgħa li wasslitna sal-lukanda mitluqa taħt it-Torri l-Aħmar, imbagħad imxejna lejn il-Punent kważi sal-irdum li jgħidulu ċ-Ċumnija u nżilna biċċa oħra u qbadna passaġġ ieħor. Ħin minnhom ilmaħna **Kamaleonte**, li warrabnieh minn nofs il-mogħdija biex ma jintrifisx.

B'kollox ħawwilna xi 15-il siġra jew arbuxxell. Dawn kienu **Ballut**, **Għargħar**, **Alaternu** u **Rand**. Wara ħadna l-aħħar mixja lura għall-Għadira fejn rajna xi pjanti fosthom **Ċistu Abjad**, **Tengħud ta' Malta** u **Garni tal-Pipa**. Fost l-għasafar li rajna kien hemm **Merill**, **Bufula tal-iMrewħa**, **Ħuttafa** u anke tip ta' kokka li probabbli kienet **Qattus** (Long-eared Owl)! Meta wasalna l-Għadira ħafna minna dħalna fir-riserva, fejn rajna **Blonġun Prim**, għasfur skars.

Nixtieq nirringrazzja lil-leaders u lir-rejnġer talli organizzaw din il-ħarga interessanti ħafna fejn żidna ftit aktar siġar mad-19,000 li diġà hemm f'Foresta 2000!


Kathleen Mamo

Il-membri jippużaw mas-siġra tagħhom. Nisperaw li jiftakru l-post ħalli fis-snin li ġejjin imorru jżuru din il-ħabiba ġdida u jaraw kemm iddum biex titwal iktar minnhom!



Qattus


Blonġun Prim

# Paprati!

Ħafna nies jaħsbu li l-papri jgħixu biss fl-irziezet jew f'xi vaska, u jaħsbu li l-papri ma jafux itiru. Imma dawk ikunu l-papri domestiċi li jrabbu n-nies. Barra dawn hemm ukoll il-papri slavaġ, li ngħidulhom borok. Dawn ma jgħixux man-nies, imma jgħixu fil-għadajjar, fix-xmajjar u fil-baħar. U jafu jtiru tajjeb ħafna!


Kuluvert tas-Salib
Victor Falzon

Fid-dinja hawn iktar minn 100 speċi ta' borok. F'Malta naraw regolari xi 10 speċi, u hawnhekk taraw ħamsa minnhom. Hemm ukoll ftit speċi oħrajn li huma iktar rari.


Palettuna
Victor Falzon


Silfjun Ewropew
Denis Cachia

Dawn ir-ritratti huma kollha ta' borok irġiel. In-nisa s-soltu jkollhom inqas kulur u jkunu iktar fil-kannella.

Il-borok ifittxu dejjem postijiet bl-ilma. Dawn ir-ritratti kollha miġbudin fir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar. Il-borok li jinżlu l-Għadira u s-Simar huma borok slavaġ, jiġu hemm waħedhom għax isibu ambjent li jogħġobhom, fejn ma jfixkilhom ħadd.


Brajmla Ħamra jew Ferruġin
Denis Cachia


Sarsella
Denis Cachia

Il-borok mhux kollha kapaċi jaqbdu l-ħut. Hemm minnhom jieklu ħaxix mill-ilma u anke mill-art, u jaqbdu wkoll insetti, gambli u dud mill-ilma.



# Is-Sellum tan-Natura

L-ambjent naturali magħmul minn affarijiet ħajjin, u l-affarijiet ħajjin jinbidlu. Meta għandek post li fih tip ta' ambjent, ma jfissirx li dak l-ambjent minn dejjem kien hemm. Jista' jkun li qablu kien hemm ambjent differenti. Fin-natura huwa normali li biż-żmien ambjent jiżviluppa f'ieħor, u dan il-bdil l-istudjużi jgħidulu *succession*. Qisha n-natura titla' sellum skaluna wara oħra. Per eżempju, l-ambjent tax-xagħri huwa iktar żviluppat minn dak tal-isteppa. Ix-xagħri biż-żmien jista' jiżviluppa f'makkja, u l-makkja wara mijiet ta' snin tista' tinbidel f'bosk. Il-Bosk Mediterranju huwa l-iktar skaluna għolja fis-sellum tas-*succession*, u jgħidula *climax community*. Il-Mediterran darba kien imdawwar bil-boskijiet, imma tfaċċa l-bniedem u qaċċat il-foresti kważi kollha. Issa n-natura trid terġa' tibda tielgħa s-sellum!

Victor Falzon















Tippreferi tigra **hekk**?

Jew **hekk**?



Jekk tippreferi r-ritratt tal-lemin

TMURX ĊIRKLI LI JUŻAW L-ANNIMALI

Alex Casha



# il-Bosk

Elisabeth Conrad

Il-Buskett huwa bosk semi-naturali għax ħafna mis-siġar li hemm fih ma kibrux weħidhom imma kienu tħawlu mill-bniedem.

F'din is-serje s'issa tkellimna fuq ix-**xagħri**, il-**makkja** u l-**isteppa**. Illum se nħarsu lejn il-**bosk**.

## Fejn mar il-bosk?

Il-bosk ftit nassoċjawh ma' Malta, għax m'għandniex foresti kbar kif insibu f'pajjiżi oħra. Dan ma jfissirx però li f'Malta qatt ma kien hawn meded kbar ta' siġar; anzi x'aktarx li l-bosk kien ambjent komuni ħafna fil-passat mad-dawra kollha tal-Mediterran. Fil-bosk Mediterranju tipiku jikbru siġar li jħaddru s-sena kollha, u li għandhom weraq ftit ibsin.

Allura għalfejn il-bosk mhuwiex ambjent komuni f'Malta? Dan għaliex meta l-bniedem ġie jgħix fil-Gżejjer Maltin qata' ħafna mis-siġar li kien hawn. Dan ġara mhux f'biss Malta, imma mal-Mediterran kollu. Għalhekk l-ambjent tal-bosk Mediterranju huwa ħafna inqas komuni illum milli kien dari. U minbarra li qata' s-siġar, il-bniedem ġab miegħu ukoll in-ngħaġ u l-mogħoż biex jirgħu, u dawn ma ħallewx siġar żgħar ġodda jieħdu post is-siġar li nqatgħu.

## X'baqa'?

Illum baqa' biss fdalijiet żgħar ta' bosk f'Malta. Dawn huma **l-Ballut tal-Wardija**, **il-Ballut tal-iMġiebaħ** u **Ta' Baldu / Wied Ħażrun**, fejn insibu ftit siġar li x'aktarx kienu jiffurmaw parti minn bosk ikbar fil-passat. Fost is-siġar li nsibu f'dawn l-inħawi hemm il-Ballut (inkluż uħud li għandhom mijiet ta' snin) u ż-Żnuber.

Hemm ukoll il-bosk tal-**Buskett** ħdejn ir-Rabat u Ħad-Dingli, li huwa każ partikolari. Dan għaliex il-Buskett mhuwiex bosk naturali, imma ħafna partijiet minnu tħawlu mill-bniedem fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. B'hekk insibu taħlita ta' ambjenti naturali u oħrajn li nħolqu mill-bniedem. Imma llum-il ġurnata s-siġar fil-Buskett [1]jirriġeneraw b'mod naturali u għalhekk ngħidu li l-Buskett huwa bosk semi-naturali. Fih insibu siġar bħal **Żnuber**, **Ballut**, **Żebbuġ** u **Ħarrub**, kif ukoll **Deru**, **Rand** u **Alaternu**. Il-Buskett huwa l-uniku bosk matur li hawn f'Malta llum, u jipprovdi ħabitat, kenn u ikel għal diversi speċi ta' fawna, inkluż ħafna invertebrati u għasafar. Fost l-għasafar li naraw fil-bosk fix-xitwa hemm il-**Kapinera**, il-**Vjolin tax-Xitwa**, il-**Pitirross**, il-**Bufula tal-Qamar**, u forsi xi **Malvizz Iswed** ukoll.




It-tbajja' u t-tikek suwed fil-mappa huma l-irqajja' siġar li hawn Malta. Kemm aħna neqsin mis-siġar hux! L-ikbar żewġ firxiet siġar huma l-Miżieb u l-Aħrax, li t-tnejn tħawlu f'dawn l-aħħar 50 sena. B'xorti ħażina dawn iż-żewġ postijiet ikunu invażati bil-kaċċaturi, u joqtlu eluf ta' għasafar li jinżlu fis-siġar mingħalihom se jsibu l-kenn.

Il-BirdLife u Klabb Ħuttaf qed nagħtu s-sehem tagħna biex inżidu s-siġar f'pajjiżna, u dan qed nagħmluh bil-proġett Foresta 2000.

Aron Tanti



Kapinera




[1] **jirriġenera** = meta ambjent jibda jikber u jinfirex.

# Granċ tal-Bebbuxu

Victor Falzon














## Agħti kulur lill-istampa!

# ARTIT'ASKYA

Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto** 15



IL-VJOLIN TAX-XITWA

# POEŻIJA

## L-Annimali

Jien inħobb l-annimali kollha.
U l-għaqda li hemm bejnietna,
Ma nixtieq qatt inħollha.
Anzi nixtieq inżidha,
Bejn il-bnedmin kollha.
Ma rridx li joqtluhom,
U jibbalzmawhom,
B'għajnejn tal-ħġieġ!
Nixtieq li jsiru jħobbuhom,
Bla ma jaqbduhom.
Jien dak li nixtieq!

Nathaniel Calleja Gera 9



Qanfud
Karl Camenzuli




## www.birdinginmalta.com



Tħobb l-għasafar? Mela żur il-websajt **Birding in Malta** għal tagħrif u ritratti fuq l-għasafar ta' Malta, u anke postijiet tajbin fejn tista' tmur berdwoċing. Dil-websajt ħolquha l-ħbieb tagħna Nicholas Galea u Steve Zammit Lupi, żgħażagħ berdwoċers u membri ta' Klabb Ħuttaf. Dil-websajt diġà fiha mas-700 ritratt, kollha meħudin Malta.

# Tgħidx ħmerijiet!

*Desirée Falzon* iddur dawra ma' ħmerijiet li nisimgħu fuq l-annimali.




U x'jagħtu jagħtu! Ħafna nies jibżgħu minn povru ġurat, avolja ħadd qatt ma ra ġurat jaqta' jew iferi bniedem bis-'skieken' ta' saqajh! Fil-fatt **dawn m'huma skieken xejn**. Is-saqajn ta' wara ta' xi ġurati għandhom ringiela snien żgħar max-xifer, imma dawn ma jużawhomx bħala arma imma bħala strument mużikali! Meta r-raġel ikun irid jiġbed mara lejh, iħokk dawn is-snien mal-gwienaħ jew ma' ġismu u jagħmel ħoss biex iħabbar fejn qiegħed, ħalli n-nisa jtiru lejh. Il-ġurati mhux talli ma jattakkawx lin-nies, imma saqajhom qegħdin imdawrin kontra ħalli iktar ikunu jistgħu jagħtu s-salt u jaħarbu malajr minna!




Victor Falzon

## Ntietef tan-Natura 4

Ħarsa lejn annimali żgħar madwarna

### Il-Busaqajn

Il-Busaqajn huwa annimal żgħir qisu boċċa kannella mdawra b'saqajn twal ħafna. Jekk tarah taħsbu brimba għax bħalhom għandu tmien saqajn, u hemm brimb fil-fatt jixbħuh. Imma l-Busaqajn mhux brimba u ma jafx jagħmel ħarir bħall-brimb. Narawh l-iktar jippassiġġa fuq il-ħaxix, u kultant jekk noqogħdu bilqiegħda fil-ħaxix issib xi wieħed li jibqa' tiela' ma' ħwejjiġna. Imma b'daqshekk m'għandniex nippanikjaw, inwerżqu jew noqtluh, għax il-Busaqajn ma jagħmlilna assolutament xejn.

Bl-Ingliż jgħidulu *harvestman*.




Victor Falzon

Mill-arti ta' PAU



# **BOV** Young Savers Account




# aħna ngħinuk **tfaddal**

Faddal il-flus li taqla' permezz tal-**BOV Young Savers Account** u gawdi minn:

- **Karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont**
- **Rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'.**

Bank of Valletta

*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*


www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020


BOV 27896


*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*